

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Don Bosco Onroerend Goed BV.

Konvenut: Staatssecretaris van Financiën.

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 13, B, (g) moqri flimkien mal-Artikolu 4(3)(a) tas-Sitt Direttiva ⁽¹⁾ għandu jiġi interpretat fis-sens li t-trasferiment ta' bini li ġie parzjalment imwaqqa' bil-għan li jiġi ssostitwit b'binu ġdid huwa suġġett għat-taxxa?
- 2) Il-kwistjoni dwar jekk huwiex il-bejjiegħ jew ix-xerrej tal-bini li ta l-ordni ta' twaqqiegħ u li jieħu fidejh l-ispiża ta' dan għandha effett fuq ir-risposta għall-ewwel domanda, fid-dawl tal-kunsiderazzjoni li t-trasferiment huwa suġġett għat-taxxa biss jekk ikun il-bejjiegħ li ta l-ordni ta' twaqqiegħ u li jieħu fidejh l-ispiża ta' dan?
- 3) Il-kwistjoni dwar jekk huwiex il-bejjiegħ jew ix-xerrej tal-bini li żviluppa l-pjanijiet għall-bini l-ġdid għandha effett fuq ir-risposta għall-ewwel domanda, fid-dawl tal-kunsiderazzjoni li t-trasferiment huwa suġġett għat-taxxa biss jekk ikun il-bejjiegħ li żviluppa l-pjanijiet għall-kostruzzjoni l-ġdida?
- 4) Fil-każ ta' risposta affermativa għall-ewwel domanda, huwa suġġett għat-taxxa kull trasferiment li jseħħ eżatt wara li x-xogħlijiet ta' twaqqiegħ effettivament jingħataw bidu jew huwa suġġett għat-taxxa biss it-trasferiment li jseħħ ulterjorment, b'mod partikolari meta t-twaqqiegħ ikun diġà fi stat avanzat?

⁽¹⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill (77/388/KE) tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, p. 1).

Rikors ippreżentat fis-6 ta' Novembru 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika tal-Awstrija

(Kawża C-477/08)

(2009/C 69/30)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: H. Støvlbæk u M. Adam, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Awstrija

Talbiet

— tikkonstata li, billi m'adottatx il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Settembru 2005, dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professionali ⁽¹⁾, jew billi ma nnotifikatx kompletament l-adozzjoni ta' dawn il-miżuri lill-Kummissjoni, ir-Repubblika tal-Awstrija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Awstrija għall-ispejjeż.

Motivi u argenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-direttiva skada fl-20 ta' Ottubru 2007.

⁽¹⁾ ĠU L 255, p. 22.

Appell ippreżentat fit-18 ta' Novembru 2008 minn Fornaci Laterizi Danesi SpA mid-Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (L-Ewwel Awla) tad-9 ta' Settembru 2008 fil-Kawża T-224/08, Fornaci Laterizi Danesi SpA vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

(Kawża C-498/08 P)

(2009/C 69/31)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Partijiet

Appellanti: Fornaci Laterizi Danesi SpA (rappreżentanti: M. Salvi, L. de Nora, M. Manganiello, P. Rivetta, avukati)

Appellata: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tal-appellanti

Fornaci Laterizi Danesi SpA titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja:

— tannulla d-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunità Ewropea (L-Ewwel Awla) tad-9 ta' Settembru 2008, mogħti fil-kawża T-224/08, innotifikat permezz ta' faks fit-12 ta' Settembru 2008 u, jekk ikun meħtieġ, tirrinviya l-kawża lill-Qorti tal-Prim'Istanza għad-deċizzjoni fil-mertu;